MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 56

Il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

56.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi nforma lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 54 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 55 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

56.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

56.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

56.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri preżenti li ġie mistieden mill-Kap tal-iSkola Primarja ta' Sannat sabiex jattendi għal-laqgħa dwar il-proġett tagħhom Eko Skola. Dan il-proġett ser jitratta tħawwil ta' siġar ġodda fi Ġnien Ragalna u kien hemm qbil li dan isir bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Munxar 2022.

56.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa tax-xahar mal-Pulizija tal-Komunita' fejn ingħata rendikont tax-xogħol li qed isir u r-rapporti li l-Kunsill irċieva fosthom ta' karozzi u dgħajjes mitluqin fit-toroq.

56.3.3 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet ta' fondi, waħda maħruġa mill-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża li titratta xogħlijiet ta' pavimentar, *railings* u dwal ġodda fix-Xlendi, u skema oħra maħruġa mid-Diviżjoni

tal-Gvern Lokali li titratta xogħlijiet ta' tisbieħ fi Triq Santa Dminka fil-Munxar.

56.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri wkoll li wara diversi ilmenti mir-residenti fix-Xlendi, inġibdet l-attenzjoni tas-sezzjoni tat-toroq fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar xogħlijiet ta' skavar fit-toroq li ma sarux skont il-proċeduri u għadhom ma ngħatawx l-asfalt.

## 56.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

56.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar xi progress fuq il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazzza Anfori fix-Xlendi u ppropona sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni jekk dan il-proġett mhux ser isir għas-Sajf li ġej. Is-Sindku wieġeb li ġie infurmat li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed tagħmel xi stħarriġ sabiex talloka fondi biex tirranġa l-infrastruttura tagħha, liema xogħlijiet mistennija jiġu nkorporati f'dan il-proġett tal-*masterplan* mill-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku stqarr li huwa jixtieq li jkollu konferma ċara dwar meta ser jibda l-proġett mill-Ministeru Għal Għawdex qabel jidħol għal spiża fuq manutenzjoni mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-proġett tal-Ministeru Għall-Ambejnt, L-Enerġija u L-Intrapriża fejn ser isir twaqqif ta' *commercial waste depots* fi Pjazza Anfori mistenni jibda fil-ġranet li ġejjiin.

56.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-problemi tal-għeluq tat-toroq speċjalment fi Triq San Pawl fil-Munxar. Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol ta' kostruzzjoni jrid isir u ma tista' ċċaħħad lill-ħadd mill-permessi meħtieġa iżda l-Kunsill kommess li jadotta l-aħjar miżuri tal-għeluq tat-toroq.

## 56.5 Proġetti fil-Lokalita';

56.5.1 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jitlob estensjoni għat-tlestija tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Dan sabiex filwaqt li x-xogħol ta' restawr jiġi konkluż sal-aħħar ta' Diċembru 2022, ix-xogħol relatat mal-promozzjoni tal-proġett ikun jista' jintemm sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

56.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill fuq il-proġett tal-bini ta' ħitan tas-sejjieħ qed ihejji rapport dwar varjazzjonijiet fuq il-kuntratt minħabba li matul il-fażi inizjali tax-xogħlijiet tal-ħitan tas-sejjieħ f'parti minn Triq L-Isqawi, meta kienet qed titneħħa l-ħamrija u l-ħajt l-antik, ma nstabx pedament sod biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ il-ġdid fuqu. Għalhekk jeħtieġ li jitneħħa aktar materjal milli kien previst inizjalment li se jirriżulta f'żieda fil-kwantitajiet ta' żewġ *line items* li jirrigwardjaw it-tnehhija tal-ħamrija u tal-ħajt tas-sejjieħ l-antik. Għalkemm iż-żidiet fil-kwantitajiet ser jeċċedu l-15%, l-ammont totali tal-kuntratt mhux ser jinqabeż minħabba *savings* f'*line items* oħrajn. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 56.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

56.6.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex b'approvazzjoni tal-kontribut ta' €2,500 għall-attivitajiet ta' *Chirstimas in Gozo 2022*.

56.6.2 Il-Kunsill irċieva konferma għar-rapreżentazzjoni sottomessa għall-permess tal-iżvilupp PA/0550/22 fix-Xlendi sabiex bħala Kunsill ikun aġġornat u parteċipi bl-iżviluppi ta' dan il-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

56.6.3 Il-Kunsill irċieva notifika ta' avviż ta' infurzar wara ksur tal-kontorll tal-ippjanar fix-Xlendi b'referenza EC/00091/22. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal aktar informazzjoni u dokumentazzjoni wara li ġiet sottomessa talba għall-varjazzjonijiet tal-kuntratt tax-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, hekk kif approvata fil-laqgħa tal-Kunsill numru 55. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.5 Il-Kunsill irċieva nota ta' kunsinja ta' tlett Electrically Assisted Pedal Cycles mogħtija mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Is-Sindku għarraf lill-membri li aktar informazzjoni dwar dan ser ikun qed jingħata hekk kif jiġi varat il-proġett mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

56.6.6 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex il-proġett ta' pavimentar fi Triq Dun Spir Gauċi fil-Munxar taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 jiġi estiż sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Il-Kunsill innota dan.

56.6.7 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tal-kontro protest mill-Awtorita' tal-Ippjanar għall-protest ġudizzjarju minn Felix u Micheline Cutajar fejn l-Awtorita' tal-Ippjanar qed tirrispinġi l-pretensjonijiet kollha vvantati mill-protestanti u tiffidahhom milli jipproċedu ulterjorament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.8 Ċirkulari SPI/SCI/10/2022 – Espressjoni ta' Interess – Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

56.6.9 Direttiva numru 1/2022 (Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali) – Proċedura ġdida dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.10 Direttiva numru 4.2 (OPM) – Standards For Service For Excellence Offered By The Public Administration To The Public And To Public Employees. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.11 PQ 2400 – Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

56.6.12 PQ 2842 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

56.6.13 PQ 2742 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

56.6.14 PQ 3020 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

56.6.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/092 – Sessjoni ta' informazzjoni mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija 25/10/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/093 – Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/094 – Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki 05/11/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku kkonferma l-attendenza tiegħu.

56.6.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/095 – ACR Malta message for public dissemination on your Facebook page and email dissemination to residents by local councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/096 – ROTA Bicycle Racks – Local Council initiative. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/097 – Development Planning Fund Business Breakfast 28/10/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/098 – Democracy needs us now. Let's join forces. l-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.22 Ċirkulari Nru AKL 2022/099 – FITA Training Courses. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.23 Ċirkulari Nru AKL 2022/100 – Open Week ġewwa Brussels. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.24 Ċirkulari Nru AKL 2022/101 – Convenant of Mayors Presentation, Signing of Agreement & Workshop (Regional Officers). Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.25 Ċirkulari Nru AKL 2022/102 – Festin tal-Milied għat-tfal organizzat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.26 Ċirkulari Nru AKL 2022/103 – Fun Run 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.27 Ċirkulari Nru AKL 2022/104 – ADHD Awareness Month. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.6.28 Ċirkulari Nru AKL 2022/105 – Laqgħa Plenarja AKL 25/26 ta' Novembru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li ser ikunu qed javżaw lill-Kunsill dwar l-attendenza tagħhom aktar 'il quddiem.

56.6.29 Ilment 44/2022

Resident jilmenta dwar qsari li qed jimblukkaw bankina fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar kif ukoll jilmenta dwar dgħajjes mitluqa fil-Munxar biex jitneħħew ukoll. Ir-resident qal li ser ikun qed

jibgħat ritratti lill-Kunsill dwar dawn l-illegalitajiet. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Kunsill jistenna r-ritratti mir-resident biex ikun jista' jipproċedi.

56.6.30 Ilment 45/2022
Resident jitlob sabiex titneħħa ż-żebgħa bajda ta' parkeġġ minn quddiem garaxx li issa beda jintuża fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

56.6.31 Ilment 46/2022
Residenta tilmenta dwar blokka appartamenti li tinsab fi Triq ir-Rabat mingħajr aperturi li qed jintefa' ħafna skart ġewwa fiha b'konsegwenza li qed ikun hemm il-ġrieden. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi sottomess rapport mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

56.6.32 Ilment 47/2022
Resident jilmenta dwar is-sitwazzjoni tal-għeluq ta' Triq Puniċi fix-Xlendi wara li jinħarġu permessi mill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni mill-membri preżenti dwar dan, ġie deċiż sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti kollha ta' dik it-triq biex jinġabar numru ta' kuntatt biex il-Kunsill javżahom permezz ta' SMS meta t-triq ser tkun magħluqa. Barra minn hekk il-Kunsill ser jibqa' jaddotta s-sistema li l-applikant tal-permess iqassam avviż lil kull residenza maħruġ mill-Kunsill Lokali filwaqt li l-Kunsill ma jagħtix permess għall-għeluq ta' dik it-triq għal aktar minn tlett ijiem fil-ġimgħa.

56.6.33 Ilment 48/2022
Residenta tilmenta dwar bankina mkissra fi Triq Puniċi, dwar l-istat tat-taraġ li minn Triq Puniċi jagħti għal Triq San Xmun fix-Xlendi, u, dwar post antik mingħajr aperturi li qed jintefa' ħafna skart ġewwa fih. Il-membri nnutaw li l-bankina li qed tirreferi għaliha hemm permess ta' twaqqiegħ tal-binja, dwar it-taraġ il-Kunsill ser ikun qed ikompli jagħmel pressjoni sabiex dan jitlesta, filwaqt li ser ikun qed jissottometti rapport mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-post antik mingħajr aperturi.

56.6.34 Ilment 49/2022
Residenta tilment dwar fergħat ta' siġar li qed jispuntaw 'il barra fi Triq il-Munxar bil-possibilta' ta' periklu għal min jgħaddi bil-vettura minn hemm. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi nfurmat sid is-siġar b'dan il-periklu u jsir iż-żbir neċessarju.

**56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

56.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 56/2022-8 għall-perjodu bejn il-21 ta' Settembru 2022 u l-20 t'Ottubru 2022 li tammonta għal €43,739.48 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmen Parnis is-sekondant.

**56.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

56.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta' Novembru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv